# Il-Kult Pawlin u l-Mellieħa





Kitba ta' JJ.Camilleri B.A., M.A., A.I.E .(Lond.)

Meta l-istoriċi jitrattaw x'ġara fl-imgħoddi mbiegħed jiġu ffaċċjati b'għadd ta' problemi. Id-diffikultà ewlenija li ma jkollhomx evidenza ċara ta' manuskritti u dokument x'jikkonsultaw u għalhekk ikollhom jibbażaw fuq it-tradizzjoni-dak li tul is-sekli għadda bil-fomm minn ġenerazzjoni għal l-oħra. It-tradizzjoni tista' tinbidel, tieħu xejriet oħra u interpretazzjonijiet differenti, dak li l-Ingliżi jsejħu 'bias in history'.



*Statwa ta' San Pawl fil-grotta tiegħu fir-Rabat ta' Malta.*

Illum it-tradizzjoni sieħbet magħha l-arkeoloġija, it-tħaffir, it-tiftix-sostituti tan-nuqqas ta' evidenza miktuba li qatt ma eżistiet. Hekk pereżempju it-tħaffir li sar fin-naħa ta' San Pawl Milqgħi f'Burmarrad minn arkeoloġisti Taljani fl-1965, tafa dawl ġdid u saħħaħ it-tradizzjoni Pawlina marbuta ma' l-inħawi meta nstabet lapida tal-ġibs b'figura ta' qaddis li qiegħed ġo dgħajsa' -referenza aktarx għan-nawfraġju.

Il-knisja ta' San Pawl Milqgħi nbniet madwar is-sena 1620 fil-post fejn jingħad li kellhom il-villa s-sinjuri Bordini u Desguanez, mibnija bejn l-ewwel u t-tieni seklu. Sa l-1610 kienet għadha wieqfa. L-Isqof Cagliares fil-vista pastorali ta' l-1616 sab il-knisja fi stat ferm ħażin.

Jingħad li l-kristjaneżmu daħal f'pajjiżna mal-miġja ta' San Pawl għall-habta tas-sena 60 WK. Dan hu bbażat u msejes fuq is-sentenza li hemm fl-Atti ta' l-Appostli "cognovimus quia Melita insula vacabitur - sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta." Tieħu l-impressjoni li għad li San Pawl kien priġunier fi triqtu lejn Ruma biex jidher quddiem l-imħallfin, ma jidhirx li kellu restrizzjonijiet. Seta' jmur fejn irid bla tfixkil, jippriedka min-naħa għall-oħra tal-gżira. Kien jgħix f'għar fir-Rabat, sa wasal sal-Mellieħa, naħa dak iż-żmien meqjusa l-aktar bogħod fit-tramuntana tal-gżira.

Il-Mellieħa kienet testendi f'linja li tieħu mill-Marfa, tgħaddi minn Fomm-ir-Riħ għall-bajja tas-Salina. Aktarx li billi hi l-aktar naħa qrib Għawdex, kienet ċentru importanti. Kien hemm żmien li mħabba l-attakki tal-furbani l-popolazzjoni naqset bil-kbir tant li wara l-1565 ir-raħal tbattal għal kollox u beda jagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar.




*Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.*

San Pawl dam tliet xhur fil-gżira għaliex f'dawk iż-żmenijiet ma kienx isir tbaħħir fix-xitwa f'baħar miftuħ. Għalhekk qamet il-kontroversja jekk l-appostlu ġiex tassew f'Malta jew fil-gżira ta' Mlejt (Miletu) fil-baħar Adrijatiku. Fost dawk li qalu hekk kien hemm il-patri I.Gregori kif ukoll l-istoriku Malti AA.Caruana Gatt. Iżda l-biċċa l-kbira ta' l-istudjużi kienu favur it-teżi Maltija. Xorta waħda jingħad li qabel ma ġew il-kavallieri, il-kult Pawlin f'Malta ma kienx qawwi, ħlief xi ftit fil-grotta fir-Rabat fejn kien joqgħod l-appostlu. Silta mir-rumanz tiegħi bl-isem 'Uri Ruħek Mulej' (mhux stampat) semmejt sew sew dan il-fatt.



*Il-gżejjer ta' San Pawl – Selmun u Selmunett, magħrufin aħjar bħala "San Pawl tal-Gżejjer".*

"Il-kavallieri b'mod sistematiku ppjanat qegħdin kull ma jmur ixerrdu u jsaħħu il-kult u d-devozzjoni tal-qaddis tagħhom San Ġwann... li lilna jinkwetana għax inqisu li dan hu ta' detriment għall-kult Pawlin... San Pawl hu l-qaddis patrun tagħna. Jiġi u għandu jibqa' l-ewwel -il-primus inter alias..."

Hemm ħafna x'jingħad dwar is-suġġett, li nafu iżda hu bbażat fuq it-tradizzjoni. Jingħad li San Luqa rregala pittura tal-Madonna lil Publius biex iroddlu ħajr ta' kull ma għamel magħhom, u ikona oħra li għadha fis-santwarju tal-Mellieħa. Il-Papa Dumnikan S. Piju VI ta lill-knisja ddedikata lil San Pawl fil-Belt parti mill-kolonna marbuta mal-martirju tal-qaddis. Dan għamlu bħala ringrazzjament ta' kull ma sar mal-morda tul il-pesta li ħakmet il-gżira. Tissemma' r-relikwa meqjusa ferm important, id-driegħ ta' l-appostlu.

Naħat li jfakkru l-ġrajja hemm ħafna -San Pawl Milqgħi fejn San Pawl iltaqa' mal-ħakem tal-gżira, San Pawl tat-Tarġa minn fejn ippriedka u jingħad li nstema' minn Għawdex, Għajn Rażul (appostlu) fir-Rabat u l-katakombi ta' San Pawl fir-Rabat meqjus li kellu l-aktar rabta mill-qrib mal-qaddis. Interessanti li l-biċċiet tal-ġebel li nstabu fil-katakombi huma magħrufin bħala 'ilsien San Pawl'. Dawn kollha apparti ż-żewġ gżejjer taħt Selmun, magħrufin bħala San Pawl tal-gżejjer.



*Xbieħa tal-Madonna u Ġesù fl-abside tal-Knisja Ortodossa ta' San Serafin, fil-periferija ta' Moscow.*



*Ikona qadima Russa li turi lill-Madonna "tbus bi ħlewwa" lil Ġesù. Ir-raffigurazzjoni fil-ġebel (bħal tal-Mellieħa) jew fl-injam kienet mill-bidu għodda komda biex l-insara jkabbru d-devozzjoni tagħhom.*

Dwar San Luqa jingħad li kien ipenġi ikoni tal-Madonna u jħallihom bħala tifkira tal-postijiet fejn kien imur, fosthom fid-dar ta' Publius li saret il-kattidral u fil-għar tal-Mellieħa. L-ikona tal-Mellieħa tpenġiet diretta (fresco) fuq il-ġebel u hi aktarx l-unika waħda li baqgħet dejjem fl-istess post. It-tpenġija diretta fuq il-ħajt tqieset l-aktar mod faċili, iżda toħloq ukoll għadd ta' problemi.

Kollox juri li l-ikona tal-Mellieħa ġiet irtukkata kemm-il darba matul iż-żmenijiet. Tassew ta' min jitħassar l-istat ferm ħażin li tinsab fih l-ikona u jitħasseb dwar x'jista' jsir biex tkun ikkonservata. Fl-istess waqt ta' min jammira lill-antenati tagħna li rnexxielhom isalvawha minn qerda totali. L-għar fejn tinsab hu meqjus bħala wieħed mill-eqdem tempji tal-Kristjaneżmu bl-aktar immaġni qadima f'Malta tal-Madonna.

Mistoqsija li sikwit jagħmlu l-istoriċi hi jekk hux fatt li l-Maltin saru insara fil-maġġuranza tagħhom mal-miġja ta' l-appostlu. X'ġara matul l-ħakma twila ta' żewġ sekli mill-Għarab? Skond l-istudjużi, il-ħakkiema Għarab kienu tolleranti. Minkejja dan jibqa' l-fatt li fi żmien fis-seklu 13 (skond l-istoriku Giliberti) f'Malta kien hemm 47 familji nsara u 681 musulama. Hu wkoll fatt li lanqas il-kummentaturi tal-Bibbja ta' żmien il-medjuevu ma wrew interess f'Malta fir-rigward tal-kult Pawlin.

Gio Franco Abela (1647) sejjaħ il-knisja qadima tal-Mellieħa -"divotissima e miracolosa chiesa della B.Vergine detta della Mellieħa che si sorge in una cripta antichissima..." Dejjem jibqa' lok għal aktar studji u riċerki...